MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Numru 346/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 22 TA’ APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**KENNETH BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kenneth Borg ta' 30 sena, bin il- mejjet Anthony u Polly nee' Debattista , mwieled Attard nhar l-4 ta' Gunju 1977, u residenti Sant' Anna, Bahar ic- Caghaq, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 310177(M)

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

Bejn Mejju 2006 u Mejju 2007, gewwa Zurrieq, Xemxija u gewwa dawn il- Gzejjer b' diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar is- 27 ta' Mejju 2006 ghal habta ta' 13.30, gewwa Triq Vjal l- Indipendenza, Zurrieq, ikkommetta serq minn gewwa residenza 101 A, St. Agatha's Residence Complex, ghad- dannu ta' Josephine Dilley, liema serq huwa aggravat bl- ammont li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), bil- mezz u bil- lok;

2. U aktar talli f' Lulju 2006, matul il- gurnata, gewwa Triq Katerina Vitale, Xemxija, ikkommetta serq minn gewwa residenza 'Bordeaux' Blk G Penthouse 8, ghad-dannu ta' Emanuel Saliba liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), bil- mezz u bil- lok;

3. U aktar talli f' Mejju 2007, matul il- gimgha, minn gewwa Telghet ix- Xemxija, San Pawl il- Bahar, ikkommetta serq minn gewwa residenza 'l- Ambjent Complex' Blk a. Flt No. 6 ghad- dannu ta' Marie Dasse liema serq huwa aggravat bl- ammont li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil- mezz u bil- lok

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li nghata zmien skond il-ligi biex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti giet infurmata li fil-present l-imputat qed jiskonta sentenza ta' prigunerija, u fil-frattemp hu beda preparamenti biex jidhol jaghmel program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Ir-reat li tieghu hu gie imputat f'dawn il-proceduri sehh qabel ma kien inghata s-sentenza ta' prigunerija gia' imsemmija. Fil-fatt ma giet mizjuda ebda akkuza ta' recidiva peress illi din ma kienetx tkun korretta. Inoltre, jidher li l-imputat beda t-triq ghal ameljorament f'hajtu, u din il-kawza tidher li hi l-ahhar wahda li fadallu pendenti l-Qorti. Huwa ghalhekk idoneju li ghal dan ir-reat jigu applikati sanzjonijiet taht id-dispozizzjonijiet ta' prigunerija sospiza, inkluz is-sorveljanza tal-imputat ghal perijodu ta' tlitt snin waqt il-parti operattiva tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 269, u 279(a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat Kenneth Borg hati u ghal daqstant tikkundannah ghal terminu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-probation, ai terminu tal-Artikolu 28 G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------